MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## FRANCO DEPASQUALE

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1403/1995/1

**Sebastian Bonnici ghan-nom u in rapprezentanza ta' Bonbros Limited**

**Vs**

**Charles Darmanin**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenut huwa debitur lejn l-attur *nomine* fis-somma ta' erbat elef, mija u wiehed u erbghin lira Maltin (Lm4141) liema somma hija dovuta bhala prezz ta' ghamara u xi xoghol ta' *plumbing* u eletriku (hekkkif

jirrizulta minn Dok. C anness ma' l-att tac-citazzjoni) rezi lill-konvenut mis-socjeta` attrici;

Premess illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat sabiex ihallas dan id-debitu permezz ta' ittra ufficjali tad-19 ta' Mejju 1995 (kopja annessa ma' l-att tac-citazzjoni u mmarkata Dok. B) huwa baqa' inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma ta' l-attur *nomine* il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba attrici ghal hlas ta' l-imsemmi debitur;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur ta' l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur *nomine* s-somma ta' erbat elef, mija u wiehed u erbghin lira Maltin (Lm4141.00) liema somma hija dovuta bhala prezz ta' xoghol ta' ghamara u xi xoghol iehor ta' plumbing u eletriku rezi lill-konvenut mis-socjeta` attrici;

Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali mid-data tat-twettiq tax-xoghlijiet kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Ottubru 1995 li permezz tieghu awtorizzat lill-konvenut jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-istess konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

Illi l-ammont rikjamat ma huwiex dovut stante illi la sar ix-xoghol kollu indikat u wkoll partijiet sostanzjali tax-xoghol sar difettuz u jehtieg hafna xoghol ta' irrangar qbale ma il-kont jew parti minnu jkun jista' jigi maghdud bhala dovut;

Illi tant ix-xoghol sar hazin illi gew rekati danni konsiderevoli lill-eccipjent tant li kellha titiehed din l-opportunita` biex tigi intavolata kontra talba ghad-danni;

Illi fir-rigward ghat-talba ghall-imghax kummercjali huwa eccepit illi dan il-kaz jirrigwarda kuntratt ta' fornitura ta' ghamara ghall-uzu privat u ghalhekk it-talba hija inaccettabli;

Ghamel wkoll riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat il-kontro-talba ta' l-istess konvenut fejn wara li ppremetta:

Illi kien ordna xi xoghol ta' ghamara minghand l-attur rikonvenut, liema xoghol kien sar hazin u bin-nieqes li kellu jigi muri waqt is-smiegh, liema nuqqasijiet irrikaw danni lill-konvenut;

Talab ghalhekk il-konvenut lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tillikwida d-danni kawzati lill-konvenut minhabba nuqqasijiet ta' l-istess attur rikonvenut jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi;

2. Tikkundanna lill-attur rikonvenut ihallas id-danni hekk likwidati lill-konvenut;

Bl-ispejjez u imghax kontra l-attur rikonvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut akkompanjanti t-talba rikonvenzjonali tieghu, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur *nomine* ghat-talba rikonvenzjonali li fiha eccepixxa illi dawn it-talbiet kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghlijiet ordnati mill-istess konvenut saru kollha u inoltre dawn l-istess xoghlijiet saru skond l-arti u s-sengha u ghalhekk ma gew rekati ebda danni lil-konvenut;

Ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Ottubru 1998 li permezz tieghu gew nominati l-espert tekniku Gaston Mifsud u l-espert legali Dr. Irene Bonello biex jirrelataw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehdu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjonijiet ta' l-imsemmija esperti li jinsabu a fol. 96 *et sequitur* tal-process u li gew minnhom debitament konfermati fl-Udjenza tat-22 ta' Gunju 2001;

Rat l-atti kollha tal-process u senjatament in-noti ta' l-osservazzjonijiet ipprezentati wara li gew ikkonfermati r-rapporti peritali;

Semghet lid-difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi l-konvenut kien inkariga lis-socjeta` attrici biex taghmillu xi xoghlijiet fil-kcina u f'xi postijiet ohra tad-dar u

ghal dawn ix-xoghlijiet il-konvenut stess kien ipprepara disinji illi kkonsenja lill-istess attur *nomine*;

Illi wara li kien lest x-xoghol il-konvenut ressaq diversi lmenti dwar l-inkompletezza tax-xoghol u anki dwar ix-xoghol hazin li kien sar; il-konvenut mhux biss cahad illi kellu jhallas lill-attur *nomine* imma kkontenda li kien hu li kellu jiehu ammont minghand l-attur *nomine* minhabba danni li huwa sofra bhala rizultat tax-xoghol hazin ta' l-istess attur *nomine*;

Illi fid-dawl ta' l-istess natura ta' din il-kwistjoni l-Qorti nnominat esperti biex jezaminaw il-punti kollha ta' dina l-kawza. Illi din kienet vertenza bbazata fuq konsiderazzjonijiet teknici; il-partijiet qablu li kien hemm ftehim (ma qablux biss dwar jekk kellux isir fitted jew skond il-qisien) dwar dak li kellu jsir, imma ma qablux dwar il-kwalita` esegwit mis-socjeta` attrici;

Illi wara li ezaminat ir-rapporti, senjatament l-aspetti teknici tal-kwistjoni, il-Qorti ma tarax li ghandha tiskosta ruhha mill-konsiderazzjonijiet fir-rigward. Illi ghalhekk il-Qorti ser taccetta li biex isir ix-xoghol rimedjali mehtieg b'mod li r-rizultat ikun illi x-xoghol isir skond is-sengha u l-arti, tehtieg is-somma ta' seba' mitt lira (Lm700); dan jinkludi mhux biss l-irrangar fih innifsu tan-nuqqasijiet riskontrati imma wkoll jikkonsidra re-spraying tal-units kollha, u dan allura ghandu jkun ukoll fl-interess tal-konvenut li diga` ilu s-snin juza l-ghamara fornita;

Illi ghalkemm kif jirrizulta mill-ezami tar-rapporti u anki mill-kliem ta' l-espert tekniku "il-maggoranza ta' l-ilmenti setghu facilment jigu evitati bi ftit aktar attenzjoni", biex ikun jista' jsir ix-xoghol rimedjali fit-top unit u fil-gnub tal-oven unit u tal-fridge unit "sabiex jinqalghu dawn il-units u tizzarma il-kcina jista' jkun hemm bzonn li xi partijiet jergghu isiru mill-gdid u jigu sprayed"; zied jghid ukoll li "aktarx li l-kcina kollha trid tigi sprayed mill-gdid";

Illi mill-ezami tan-noti ta' l-osservazzjonijiet ipprezentati mill-kontendenti wara l-konferma tar-rapporti jidher li z-zewg partijiet qablu li l-kwistjoni kienet wahda ta' kemm

kellha tkun ir-riduzzjoni fil-prezz originali u mhux dwar kif kellu jsir ix-xoghol rimedjali;

Illi minn naha tieghu l-konvenut ma pprezenta l-ebda provi biex isostni t-talba tieghu li huwa sofra xi danni bhala rizultat hlief l-inkonvenjent lilu kagonat minhabba d-difetti riskontrati.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-Ewwel Domanda;

Tilqa' limitatament it-Tieni Domanda tac-citazzjoni u tikkundana lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef erba' mija u wiehed u erbghin lira Maltin (Lm3441) ghax-xoghol minnha esegwit;

Tichad iz-zewg domandi tal-kontro-talba tal-konvenut.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti u l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tac-citazzjoni lill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------